# Vittmi Siġġiwin li mietu fl-aħħar Gwerra Dinjija 1939-45

**Tagħrif miġbur minn Joseph Schembri**

Is-sena li għaddiet Malta fakkret il-*convoy* ta' Santa Marija u dawk il-qalbiena li ġġieldu u stinkaw fil-gwerra; kemm 'il dawk li ħallewna għal dejjem, kif ukoll 'il dawk li għadhom mimlijin bil-għomor u bil-għoti ta' xi medalji, u b'xi monumenti jew lapidi b'tifkira tagħhom.

Ħamsin sena ilu (1942), il-Gvernatur Jackson kien qal: "Is-sena 1942 ser tkun sena iebsa," kif fil-fatt kienet. Kienet l-eqqel taqtigħa tal-gwerra, fejn kellna ħafna attakki ħorox, ġuħ, tbatija kbira u ħafna mwiet. Kienu żminijiet koroh ħafna, lejl u nhar attakki mill-ajruplani ta' l-għadu bla waqfien ta' xejn. Il-ħoss tas-sirena li kien sinjal li kienu ġejjin l-attakki kien jinstema' jvenven sikwit. Kulħadd imwerwer bil-biża', iħalli kollox u jiġri għall-kenn ġo xi xelter.

Fi żmien il-gwerra fis-Siġġiewi kienu ġew ħafna refuġjati minn barra r-raħal. Il-mibki kappillan Dun Franġisk Saver Mangion kien iħeġġeġ lin-nies tar-raħal biex lir-refuġjati ngħinuhom mill-aħjar li nistgħu.

Qegħdin infakkru u niftakru f'dawk il-vittmi tar-raħal tagħna li mietu f'dawk iż-żminijiet. Ġbarna din l-informazzjoni mingħand nieshom stess u oħrajn li kienu jafuhom.

**Sammut Mikiel (Kalanġ)**
'Ta' Karlu', ta' 46 sena, ir-raġel ta' Rita ta' 8, Sqaq Nru. 1, Pjazza San Nikola. (Kien joqgħod Raħal Ġdid, kif bdiet il-gwerra ġie hu u l-mara u qagħad għand niesu, ghax hu kien mir-raħal.)

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, 11 t'April 1941, bejn id-disgħa u l-għaxra u nofs ta' fil-għaxija, ajruplan ta' l-għadu waddab żewġ bombi li ġew waħda fuq is-saqaf ta' l-oratorju. Dan waqa' parti minnu n-naħa ta' ġewwa. Il-bomba l-oħra ġiet fuq id-dar ta' Mikiel, in-naħa ta' ġewwa mal-ġardina. Taħt is-sodda kien hemm ġiebja mimlija bl-ilma, ix-xorok inqassmu, u Mikiel, bis-sodda b'kollox, intradam fil-ġiebja. Meta l-qraba ndunaw li Mikiel kien safa' mirdum, dawm battlu l-ilma u tellgħuħ mejjet mill-ġiebja.

**Schembri Nikola**
'Tal-Parent', ta' 50 sena. Ta' 4, Sqaq Triq il-Knisja l-Qadima. Kien membru ħabrieki ta' l-Azzjoni Kattolika.

Nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru, 1941, bejn l-erbgħa u l-ħamsa ta' wara nofsinhar, Kola kien fl-għalqa *tal-lewża*. Wara li spiċċa mix-xogħol, kien qiegħed ilibbes il-bagħla u jarma l-karettun. Daqqet is-sirena u mar jiġri għall-kenn taħt il-blata tal-bieb ta' l-għorfa. Waqgħet bomba fil-qrib. Din splodiet u biċċa splinter mikwija taret u nifdet 'il Kola u l-bieba ta' l-għorfa. Kola miet fil-pront.

**Saliba Luqa**
'Ta' Sieqha Ross', ta' 27 sena. It-tifel ta' Nikola tar-razzett ta' Bur ix-Xewk.

Nhar is-Sibt 3 ta' Jannar, 1942, Luqa kien qiegħed ir-razzett, daqqet is-sirena, u mar jiġri lejn ix-xelter. F'daqqa waħda laqtitu biċċa splinter u ntasab għal mejjet fl-art.

**Farrugia Ċensu**
'Tal-Qawwi', ta' 23 sena. Ir-raġel ta' Nikolina ta' 39, Triq tan-Nofs.

**Schembri Wiġi**
Miet fl-età tenera ta' 4 snin. It-tifel ta' Nikola u Angela nee Farrugia ta' 10-11 Triq il-Knisja l-Qadima.

**Micallef Ġanna**
'Ta' Barbarija', ta' 17-il sena. It-tifla ta' Ġużeppi u Speranza ta' 82 Triq San Ġakbu.

Nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar, 1942, bejn id-disgħa u l-għaxra ta' fil-għodu, Ċensu, Wiġi u Ġanna kienu qegħdin fir-remissa tar-razzett *ta' Parsottu* jieklu biċċa ħobż.

F'daqqa waħda tiġi balla ta' kanun li ma kenitx ħadet fl-ajru quddiem ir-remissa. Meta splodiet, biċċa splinter laqtithom, fejn instab li Ċensu kien mejjet. Wiġi miet fl-Isptar ta' Bugeja, il-Ħamrun dak in-nhar stess fil-għaxija. Ġanna mietet jumejn wara, nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar fl-istess sptar ta' Bugeja, il-Ħamrun.

**Attard Leonardu**
'Ta' Kaspan' jew 'Tad-Dawwar'. Ta' 57 sena. Ir-raġel ta' Ġużeppa ta' 23 Triq San Ġakbu.

Nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar, 1942 Nardu kien qiegħed jiżbor id-dwieli fl-għalqa *ta' Manduca.* Kull meta kienet iddoqq is-sirena kien imur jistkenn. Dak in-nhar daqqet is-sirena u Nardu baqa' jiżbor id-dwieli. Minn naħa tal-Buskett lejn ta' Manduca ġew żewġ ajruplani ta' l-għadu li baqgħu sejrin għal Ħal Far. F'ħin minnhom dawru r-rotta u reġgħu ġew lura lejn *ta' Manduca*, fejn tefgħu l-bombi, u Nardu ġie f'nofshom. X'ħin il-bombi splodew, Nardu nstab mejjet fuq il-ħajt tas-sejjieħ ta' l-għalqa. Kieku Nardu daħal fil-kamra, kien imut xorta waħda. Dan għaliex il-kamra waqgħet ma' l-isplużjoni.

**Baldacchino Wistin**
'Ta' Ratinu'. Ta' 58 sena. Ir-raġel ta' Grezz ta' 14 Triq San Ġwann.

Nhar it-Tnejn 9 ta' Frar, 1942 għal ħabta ta' l-erbgħa ta' wara nofsinhar sar attakk aħrax u li dam sejjer hafna ħin. Wistin kien fil-għalqa *tal-lewża* dak il-ħin. Wara ddeċieda li jitlaq lejn id-dar bil-bagħla li kellu. X'ħin kien ħiereġ mill-isqaq tal-wied, laqtitu biċċa splinter minn bomba li kienet waqgħet fil-qrib u ħallietu mejjet fl-art. Il-bagħla ma kien ġralha xejn.

**Farrugia Emanuel**
'Tal-Mastru'. Ta' 32 sena. It-tifel ta' Carmelo u Nikolina ta' 2 Sqaq il-Qajjied.

Nhar il-Ħamis 12 Frar, 1942, Leli kien fit-*3. L.A.A. Regt. R.M.A.* u kien *Quarter Master* stazzjonat *Paola/Tarxien Area*. Kien fuq il-kanun, u ġiet bomba ta' l-għadu qribu. Leli ntradam taħt id-debris ta' l-isplużjoni. Wara nstab mejjet taħt id-*debris.* Leli nġieb is-Siġġiewi fejn ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-parroċċa.

**(ikompli fil-ħarġa li jmiss)**

# RADJU GĦALL-PROVIDENZA

## 90.30 FM

## ĦOLQA TA' FERĦ 1992

L-Għaqda Wirt is-Siġġiewi qed tistieden lis-Siġġiwin kollha sabiex bejn il-Ħadd 20 u l-Ġimgħa 25 ta' Diċembru isegwu "Radju għall-Providenza". L-istazzjon ta' l-Għaqda "Wirt is-Siġġiewi" għal żmien il-Milied. Fost il-programmi se jkun hemm dawk mużikali u kulturali, u lejlet u nhar il-Milied jinqraw l-offerti tagħkom b'riżq id-Dar tal-Providenza f'Ħolqa ta' Ferħ.

*Radju għall-Providenza se jxandar:*
Il-Ħadd 20 ta' Diċembru mid-9.00 sa nofsinhar
It-Tnejn 21, it-Tlieta 22 u l-Erbgħa 23 ta' Diċembru mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m.
Il-Ħamis 24 u l-Ġimgħa 25 ta' Diċembru mid-9.00 a.m. sas-6.30 p.m.

GĦAQDA WIRT IS-SIĠĠIEWI